

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-10 ta' Diċembru 2009

dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2010

(BĊE/2009/25)

(2010/14/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

(miljuni f'EUR)

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, partikolarment l-Artikolu 128(2),

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklużiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem "l-Istati Membri parteċipanti").
- (2) L-Istati Membri parteċipanti ppreżentaw għall-approvazzjoni tal-BĊE l-estimi tagħhom tal-volum ta' muniti euro li għandhom jinħarġu fl-2010, flimkien ma' noti ta' spjega dwar il-metodoloġija ta' tbassir,

	Ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u ħruġ ta' muniti ta' kollezzjoni (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2010
Il-Belġju	105,2
Il-Ġermanja	668,0
L-Irlanda	43,0
Il-Greċja	55,0
Spanja	210,0
Franza	290,0
L-Italja	283,0
Ċipru	18,1
Il-Lussemburgu	40,0
Malta	10,5
Il-Pajjiżi l-Baxxi	54,0
L-Awstrija	306,0
Il-Portugall	50,0
Is-Slovenja	30,0
Is-Slovakkja	62,0
Il-Finlandja	60,0

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 2

Disposizzjoni finali

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri parteċipanti.

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-volum ta' muniti euro li għandhom jinħarġu fl-2010

Il-BĊE japprova l-volum ta' muniti euro li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri parteċipanti fl-2010 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-10 ta' Diċembru 2009.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET